

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10428/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0260 (COD)**

**CODEC 1149
POLCOM 216
COMER 104
USA 20
COTRA 48
PE 81**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta merkanzija - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, 15 sat-18 ta' Ġunju 2026)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar din il-proposta fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), Bernd LANGE (S&D, DE), ippreżenta f'isem il-kumitat INTA emenda ta' kompromess (l-emenda numru 18) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, il-grupp politiku "Ix-Xellug" ressaq proposta biex tiġi miċħuda l-proposta tal-Kummissjoni (l-emenda numru 19).

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

II. VOT

Meta vvutat fis-16 ta' Ġunju 2026, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 18) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness ta' dan id-dokument^{2*}.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien ġie maqbul qabel bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

* L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-verżjoni EN.

P10_TA(2026)0197

In-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta merkanzija

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (COM(2025)0472 – C10-0192/2025 – 2025/0260(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0472),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0192/2025),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-valutazzjoni baġitarja maħruġa mill-Kumitat għall-Baġits,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Mejju 2026, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 60 u 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0070/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht¹;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-26 ta' Marzu 2026 (Testi adottati, P10 TA(2026)0097).

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tas-16 ta' Ġunju 2026 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2026.

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") għandhom l-iktar relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bilaterali kbira u profonda fid-dinja u għandhom ekonomiji integrati ħafna. Il-kummerċ bidirezzjonali totali bejniethom kellu valur ta' aktar minn EUR 1,6 triljun fl-2024. Dik is-sħubija profonda u komprensiva hija mirfuda minn investimenti reċiproċi sinifikanti fis-swieq ta' xulxin, b'valur ta' madwar EUR 5,3 triljun.
- (2) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tagħhom, u biex tkompli tittejjeb dik ir-relazzjoni, ***l-Unjoni u l-Istati Uniti qablu dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta rigward Ftehim dwar it-Tariffi, imħabbra fil-21 ta' Awwissu 2020 (id-"Dikjarazzjoni Konġunta 2020"), li skontha l-Unjoni impenjat ruħha li telimina t-tariffi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-awwista ħajjin u ffriżati tal-Istati Uniti u l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jnaqqsu b'50 % ir-rati tariffarji tagħhom fuq ċerti prodotti esportati mill-Unjoni b'valur kummerċjali annwali medju ta' USD 160 miljun, inkluż ċerti ikliet ippreparati, ċerti oġġetti tal-ħġieġ tal-kristall, preparazzjonijiet tal-wiċċ, trabijiet propellanti, lighters tas-sigaretti u partijiet tal-lighters. Sabiex timplimenta id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2020, fis-16 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ■ bażi erga omnes, fuq għadd limitat ta' oġġetti, ■ inkluż prodotti tal-awwista ħajjin u ffriżati ■ li joriġinaw mill-Istati Uniti, għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2020 ■ sal-31 ta' Lulju 2025.***

² Ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (ĠU L 430, 18.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2131/oj>).

- (3) Fis-27 ta' Lulju 2025, il-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Istati Uniti laħqu ftehim politiku li sussegwentement ġie rifless fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti rigward Ftehim dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat tal-21 ta' Awwissu 2025 (id-"Dikjarazzjoni Konġunta"). F'konformità ma' dak il-ftehim politiku u mad-Dikjarazzjoni Konġunta, u biex jiġi żgurat aċċess kontinwu għall-oġġetti tal-Unjoni fis-suq tal-Istati Uniti, jenħtieġ li l-Unjoni tipprevedi n-nuqqas ta' applikazzjoni, għal perjodu ulterjuri, tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni tat-tipi ta' awwista koperti mir-Regolament (UE) 2020/2131. F'konformità ma' dak il-ftehim politiku u mad-Dikjarazzjoni Konġunta, jenħtieġ li n-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali jinkludi wkoll l-importazzjonijiet tal-awwista pproċessata kklassifikata taħt il-kodiċi 1605 30 90 tan-Nomenklatura Magħquda (NM), kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87³.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-dazji doganali applikabbli fuq l-importazzjonijiet tal-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament japplikaw f'livell ta' 0 % *sakemm* l-Istati Uniti **ma jibqgħux** jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta b'mod effettiv.
- (5) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni biex tissospendi, kompletament jew parzjalment, in-nuqqas ta' -applikazzjoni ta' dazji doganali fuq oġġetti koperti minn dan ir-Regolament f'ċirkostanzi speċifiċi. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (6) *Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni tal-effetti ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Jannar 2030. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tkopri wkoll il-bidliet mill-1 ta' Awwissu 2025 fil-volumi u l-valuri tal-kummerċ tal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti lejn l-Unjoni tal-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament. Fejn xieraq, jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex testendi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*
- (7) Fid-dawl tal-importanza li jiġi evitat it-tfixkil tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'effett retroattiv mill-1 ta' Awwissu 2025. Jenħtieġ li d-dazji doganali mħallsa li jaqbżu dawk applikabbli skont dan ir-Regolament fil-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jiġu rimborżati fuq talba,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali

Id-dazji doganali applikabbli tat-Tariffa Doganali Komuni stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ***tal***-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ta' 0 %.

Artikolu 2

Sospensjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li jissospendi kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - (a) meta l-Istati Uniti jonqsu milli jimplimentaw id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar Ftehim dwar Kummerċ Reċiproku, Ġust u Bilanċjat, imħabbar fil-21 ta' Awwissu 2025 (id-"Dikjarazzjoni Konġunta"), jew inkella jimminaw l-oġġettivi tat-titjib tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u l-oġġettivi segwiti mid-Dikjarazzjoni Konġunta, jew jimminaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għas-suq tal-Istati Uniti, jew b'xi mod ieħor ifixklu r-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti;
 - (b) meta jkun hemm biżżejjed indikazzjoni li l-Istati Uniti ser jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) fil-futur; ***jew***

- (c) meta tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fid-data tad-Dikjarazzjoni Konġunta.

Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 3(2).

2. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika sakemm jipersistu ċ-ċirkostanzi msemmija f'dak il-paragrafu.

Artikolu 3

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat dwar l-Ostakli għall-Kummerċ stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.
Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fil-każijiet meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jstabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1843/oj>).

Artikolu 4

Rimborż tad-dazji doganali

Fuq talba mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati, l-awtoritajiet doganali nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri għandhom jirrimborżaw kwalunkwe dazju doganali mħallas li jaqbeż dak applikabbli skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness importati fl-Unjoni bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 5

Valutazzjoni u rapportar

- 1. Sal-31 ta' Jannar 2030, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni tal-effetti ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha tkopri l-bidliet mill-1 ta' Awwissu 2025 fil-volumi u l-valuri tal-kummerċ tal-esportazzjonijiet tal-Istati Uniti lejn l-Unjoni tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness.*
- 2. Fejn xieraq, il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex testendi l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*
- 3. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment, u fil-ħin, dwar l-iżviluppi rilevanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 6
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2025 ***sal-31 ta' Lulju 2030***.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Kodiċi NM 2025 ¹	Deskrizzjoni
0306 11 90	Awwista tal-blat u awwist ieħor tal-baħar (<i>Palinurus</i> spp., <i>Panulirus</i> spp. u <i>Jasus</i> spp.), iffriżati, anki affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, inkluż dawk fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma (minbarra dnuh tal-awwist)
0306 12 10	Awwisti (<i>Homarus</i> spp.) iffriżati, sħaħ, anki affumikati jew imsajra bl-istim jew mgħollijin fl-ilma
0306 12 90	Awwisti (<i>Homarus</i> spp.) iffriżati, anki affumikati, kemm jekk fil-qoxra jew le, inkluż awwisti fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma (minbarra sħaħ)
0306 32 10	Awwisti (<i>Homarus</i> spp.) ħajjin
1605 30 90	Awwista, ippreparata jew ippreservata (bl-esklużjoni ta' dik sempliċement affumikata; minbarra l-laħam tal-awwist, imsajjar, għall-manifattura ta' butir tal-awwist jew ta' paste, paté, sopop jew zlazi tal-awwist)

¹ Il-kodiċijiet tan-nomenklatura huma meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif applikabbli fl-2025, u mutatis mutandis kif emendati minn atti legali sussegwenti.